# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030     Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**2/19**

**Minuti tat-tieni (2) laqgħa tad-dsatax-il sena tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ġimgħa, 15 t'April, 2013, fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Is-Sur Stephen Sultana** | **-** | **Sindku** |
| | **Is-Sur Jonathan Brimmer** | **-** | **Vici Sindku** |
| | **Is-Sur Silvio Vella** | **-** | **Kunsillier** |
| | **Is-Sur Jason Mangani** | **-** | **Kunsillier** |
| | **Is-Sinj Elizabeth Vella** | **-** | **Kunsilliera** |
| | **Is-Sur Horace J Anastasi** | **-** | **Kunsillier** |
| | **Is-Sinj Louise-Anne Gusman** | **-** | **Segretarju Eżekuttiv** |

***Aġenda:***

***1 Talba***
***2 Qari w approvazzjoni tal-minuti 1/19***
***3 Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti***
***4 Korrispondenza***
***5 Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni***
***6 Ilmenti***
***7 Ordnijiet tal-ġurnata***
***(a) Sotto Kumitati***
***(b) Laqgħat mal-Għaqdiet***
***8 Affarijiet Oħra***
***9 Aġġornament***

---

Il-laqgħa bdiet fis-6.32 ta' filgħaxija.

## 1 Talba

1.1 Is-Sindku, s-Sur Stephen Sultana beda l-laqgħa ta' din l-leġiżlatura b'talba qasira.

## 2 Aġenda

2.1 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li fl-Aġenda trid tiżdied 'tas-seba' leġiżlatura' wara l-kelma laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ħadet nota ta' din il-korrezzjoni.

## 3 Qari u approvazzjoni tal-minuti 1/19.

3.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet tal-minuti. Il-minuti ġew approvati *nem con*.

## 4 Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti

4.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li l-Quddiesa hija kkonfermata għall-Ħadd 21 t'April 2013. Huwa qal li bħala tifkira kien qed jissuġġerixxi li jsiru book marks għall-okkażjoni. Il-Kunsilliera s-Sinj Elizabeth Vella ppreżentat kwotazzjoni ta' Richard's Press għal 400 bookmarks. Il-Kunsillier is-Sur Silvio Vella kellu kwotazzjoni tal-Print Right. Il-kwotazzjoni tal-Print Right kienet l-aħjar waħda u l-Kunsill qabel li jordnaw il-bookmarks għall-okkażjoni mingħand tal-Print Right.

## 5 Korrispondenza

Is-Sindku beda jressaq il-korrispondenza li kienet tqassmet lil Kunsillieri qabel il-laqgħa:

5.1 ***Triq il-Batterija Tabella ... :***

5.1.1 ir-rikjesta għal tabella biex issir One way għar-residenti biss. Din ma tistax issir għax tmur kontra l-ligi.

5.1.2 It-tieni rikjesta kienet ghall-sleeping policeman. Saret diskussjoni fuq is-suġġett. Il-Kunsill qabel jikteb lit-TM.

5.1.3 It-tielet rikjesta kienet biex tiżdied il-linja s-safra ta' quddiem ir-residenza tiegħu. Wara diskussjoni fuq is-suġġett il-Kunsill innota li ma jistax joħloq preċedent u t-talba biex tiżdied il-linja safra m'għaddietx.

*5.2 Loading/Unloading bay – Style Furniture Ltd*

5.2.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li din il-Kumpanija għamlet talba għal-loading/unloading bay. Kien hemm qbil lis-SE għandha tikteb ittra lit-TM għall-approvazzjoni bil-ħinijiet ikunu mid-9.00 ta' filgħodu sa nofsinhar. Dan il-hin ġie stabbilit ħalli ir-residenti jkunu jistgħu jipparkjaw minn wara nofsinhar 'l hemm.

*5.3 Vetturi kbar jitilgħu kontra il-One Way go Triq Brighella*

5.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri rigward dan l-ilment. Huwa qal li ra Ready Mix tiela' kontra l-*one way*. Huwa xtaq li jiltaqa' mal-Kuntrattur ħalli jitkellmu fuq din is-sitwazzjoni peress li għamlu ħsara kemm lil bankina kif ukoll, lit-Triq. Is-Sur Anastasi qal li huwa għandu kawza l-Qorti minħabba li xufier tal-inġenji ta' dan il-Kuntrattur saq kontra l-one-way u għax ġibdilhom l-attenzjoni kelmu ħażin u offendih. Huwa qal li hemm rapport mas-Supt Carmel Magri u huwa kien talab li jittieħdu passi u li jitressaq l-Qorti. Huwa kompla li hemm ittra mibgħuta lis-Sid biex jirranġa t-Triq li għamel u iċ-ċertifikazzjoni ma kenitx tajba.

*5.4 Protest Ġudizzjarju tas-Sur Denis Tanti*

5.4.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li huwa rċieva l-Protest Ġudizzjarju ta' Denis Tanti fit-2 t'April mill-Qorti kontra 1) Id-Direttur tal-Gvern Lokali, 2) Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera; 3) Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera; 3) Horace J Anastasi, Kunsillier u Eks Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.

5.4.2 Huwa qal li l-Kunsill Lokali ser jressaq Kontro Protest biex nippruvaw nissalvagwardjaw l-interessi tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Żied jgħid li jekk tintrebah minnu, l-Kunsill irid iħallas tal-ispiża. Is-Sindku spjega li kien hemm Bord tal-Aġġudikazzjoni f'Awissu 2011, l-ewwel wieħed kien fis-sena 2010 fejn kien intagħżel Laurence Azzopardi u fl-istess intervisti kien hemm Denis Tanti fejn dan ma kienx intgħażel. Meta l-Kunsill kien bagħat għall-Laurence Azzopardi, dan kien bagħat ittra li mhux interessat li jieħu l-kariga.

5.4.3 Il-Kunsill beda proċess ieħor biex jintgħażel Segretarju Eżekuttiv ġdid, għadda ż-żmien, u kien intbagħat Aġent Segretarju Eżekuttiv s-Sur Joseph M Formosa li, kien SE tal-Gudja u li joqgħod Santa Venera. Il-Kunsill kien ħatar Bord tal-Għażla li kien kompost minn Horace J Anastasi li kien is-Sindku ta' dak iż-żmien, il-Kunsillieri s-Sur Charles Camilleri u s-Sinj Mariella Micallef u, l-ASE is-Sur Formosa. Is-Sur Anastasi hawnhekk iċċara punt fejn informa lil-Kunsill li l-ASE dak iż-żmien kien ex-officio u seta' jagħti l-marki flimkien mal-kumplament tal-membri tal-Bord. Is-Sur Sultana qal li dak kien skont x'obbligah l-Bord ta' dak iż-żmien jekk

SE jistax jagħti l-marki jew le għax suppost SE jieħu l-minuti biss. Is-Sur Anastasi wieġeb li dak iż-żmien id-direzzjoni mid-DLG kienet li s-SE jagħti l-marki u issa m'għadhiex hekk.

5.4.4 Is-Sur Sultana kompla jinforma lill-Kunsillieri li waqt dik is-Sejħa għall-Applikazzjoni kien applika Denis Tanti ma' xi 16-il applikanti u kienet applikat ukoll, is-Sinj Louise-Anne Gusman. Kien hemm rakkomandazzjoni ta' dan il-Bord li kien intgħażel is-Sur Tanti u fl-istess rakkomandazzjoni kien hemm is-Sinj Gusman li kienet ġiet fl-għaxar post f'din l-intervista. Is-Sur Sultana żied jgħid li għadda ż-żmien u ma jidhirlux lir-rapport qatt tressaq għad-diskussjoni imma, r-rapport kien tqassam għand il-Kunsillieri b'mod uffiċjali imma, diskussjoni mill-Kunsill qatt ma saret fuq dan ir-Rapport.

5.4.5 Hawnhekk is-Sur Anastasi talab biex jiċċara ftit punti u stqarr lis-Sur Sultana ma kienx korrett fuq dak il-punt. Huwa qal lir-rapport qatt ma kien ippreżentat u, li fil-fatt, ħadd mill-Kunsillieri ta' dak iż-żmien, lanqas is-Sur Sultana m'hu suppost li għandu kopja tar-riżultat għax lanqas l-istess Sindku ta' dak iż-żmien ma kellu l-kopja tar-riżultat maħruġ mill-Bord tal-Għażla u, li fil-minuti hemm li l-anqas uffiċjalment ma kellhom dan ir-rapport. Is-Sur Anastasi saħaq li huwa ċert li fuq il-mejda hemm konferma li ma tqassamx ir-rapport skont il-minuti. Is-Sur Sultana qal li kien tqassam. Is-Sur Anastasi saħaq li ma tqassam qatt fuq il-mejda u din tinstab fil-minuti. Is-Sur Anastasi qal lis-Sur Sultana seta' rċieva kopja imma, qatt ma ġiet ippreżentata fuq il-mejda. Is-Sur Anastasi irrimarka li l-eks Aġent S.E. seta' ta kopja tar-riżultat lis-Sur Sultana, iżda, mhux uffiċjalment. Fil-fajl uffiċjali għal din is-sejha m'hemm l-ebda rapport iffirmat mis-Sindku u l-ASE ta' dak iż-żmien. Hawnhekk is-Sur Sultana wera d-dubji tiegħu.

5.4.6 Is-Sur Anastasi sostna lis-Sur Formosa kien għamel il-kriterji u l-marki u, l-Bord tal-Għażla qagħad fuqu. Meta ġew għar-riżultat, saru jafu lis-Sur Denis Tanti biss kellu l-kors tas-SE u allura dan biss seta' jieħu l-10 punti minħabba l-kors. Is-Sur Sultana f'dan il-punt qal li jekk se jieħdu dak l-argument, meta saret is-sejħa għal-SE, is-Sinj Gusman biss kellha l-kors tas-SE. Is-Sur Anastasi qal li meta kienu raw il-marki, il-marki tiegħu kienu favur is-Sur Denis Tanti, huwa kien tah full marks imma, huwa ma jafx x'kienu l-marki u stqarr li m'għandux il-karti tal-marki għax kienu taw il-karti tal-marki tagħhom lis-Sur J.M.Formosa. Is-Sur Anastasi stqarr li ma jafx kif is-Sur Sultana għandu l-marki meta s-Sur Formosa kien ġabar kollox ghandu.

5.4.7 Is-Sur Anastasi reġa' spjega li l-marki ma ġewx ippreżentati uffiċjalment fuq il-mejda għax is-Sur Sultana kien saħaq lil-laqgha tat-13 ta' Ġunju 2011 kienet nulla u l-SE baqa' ma ppreżentahomx. Is-Sur Anastasi żied jgħid li ma setgħux joħorguh ir-riżultat tal-Bord, minhabba n-nullita' iżda, s-Sur Anastasi qal li l-laqgħa ma kienetx nulla u baqgħu għaddejjin bix-xogħol iżda, xorta baqgħu ma ppreżentawx r-Rapport tal-Għażla tal-Bord għall-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Is-Sur Anastasi qal li huma qabbdu l-avukat u dan, talab għal direzzjoni mill-Avukat Ġenerali u, liema direzzjoni qatt ma waslet.

5.4.8 F'Novembru tat-2011, id-Direttur ġiegħel lil-avukat tad-Dipartiment biex tikkomunika mal-avukat tal-Kunsill, Dr Richard Sladden, fuq in-nullita' u sal-lum il-ġurnata 15-4-2013 għad

m'għandhiex risposta dwar in-nullita' uffiċjali mill-AG. Is-Sur Anastasi kompla jirrimarka li waqt il-Laqgha tal-Kunsill ta' Settembru 2012, il-Kunsillieri kienu ftehmu nem con li joħorġu Sejħa ġdida għall-Post ta' SE.

5.4.9 Is-Sur Anastasi stqarr li fis-Sejħa l-Kunsill kien talab li min japplika ried ikollu l-kors u dan, skont id-direzzjoni mid-DLG u, kull minn applika kemm meta kien hemm 21 applikant u kemm meta kien hemm 12, kellhom japplikaw skont dawk il-kriterji tad-DLG. Din hija totalment differenti mis-Sejha tal-2011, meta d-dipartiment bagħat lis-SE prospettivi biex japplikaw għas-sejħiet u kellu jagħmillhom il-kors u, kienu għadhom lanqas biss issejħu ghall-imsemmi kors. Meta inħarġet din is-sejħa għas-SE, skont id-direzzjoni tad-DLG, il-Kunsill kien talab li min japplika ried ikollu l-Kors tas-SE jew ikun fil-pool tas-SE prospettivi, u fiż-żewg sejħiet li ħriġna, s-Sinj Gusman biss, minn dawk li applikaw, kellha l-kors u setgħet tapplika.

5.4.10 Fil-każ tas-sejħa meta applika s-Sur Denis Tanti, d-Dipartiment kien ħalla li dawk li kienu għadhom m'għamlux il-kors iżda, kienu fil-pool tas-SE prospettivi, japplikaw. Il-Kunsill ma kienx qiegħed ħażin. Is-Sur Sultana qal li huwa tkellem mal-Avukat Astrid Falzon li speċjalizzhat fuq l-HR. Is-Sur Sultana qal li m'hemmx deadline fuq il-Protest. Is-Sur Anastasi qal li jidhirlu li jekk il-Kunsill ma jagħmilx il-kontro protest jista' jkun hemm indeminity one.

5.4.11 Is-Sur Anastasi qal lid-Direttur qatt ma wasallu r-riżultat tal-Bord għax ir-rapport baqa' qatt ma ġie ippreżentat lil ħadd. Is-Sur Anastasi qal li bl-akbar responsabbilita' jirrimarka li min ta dawk ir-riżultati kien qed jagħmel hekk b'abbuż. Żied jgħid li waqt laqgħa tal-Kunsill, fil-preżenza kemm tas-Sur Sultana u tal-eks Kunsillier is-Sur Edwin Formosa, ħadd minnhom qatt ma qal li kellu l-marki. Is-Sur Sultana qal li huwa għandu kopja tagħhom u tqassmet qabel il-laqgħa ta' dakinhar. Is Sur Sultana qal li l-legalita' tal-laqgħa saret xi 3 jew 4 laqgħat wara.

5.4.13 Hawnhekk is-Sur Sultana kkonkluda fejn ikkonferma li l-Kunsillieri qabblu li jressqu kontro protest fl-interessi tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Il-Kunsillieri qablu nem con.

### *5.5 Santa Venera Triq l-Għolja access restriction*

5.5.1 Is-Sur Sultana nforma lill-Kunsillieri li kienet saret proposta li fi Triq l-Għolja, ma jkunx hemm dħul minn trakkijiet kbar, eċċ peress li t-Triq imsemmija hija dejqa wisq. Is-Sindku qal li mportanti li ma joħolqux inkonvenjent għar-residenti. Il-Kunsill ħa jesiġi li ma jidħlux dawn it-tip ta' vetturi kbar imma jistgħu joħorgu mill-istess Triq. Il-Kunsill qabel nem con li jinfurmaw lit-TM li se jibqgħu restritti u ma jidħlux trakkijiet kbar iżda ma jaqblux li ssir one way.

### *5.6 Ħinijiet taċ-Childcare Centre Little Munchkins*

5.6.1 Is-Sindku nforma lil Kunsillieri preżenti li l-Kunsill ta' qabel kien iffirma kuntratt mal-Logografix li ma kull u-bar il-logografix jagħti €120 fis-sena. Hemm xi *misunderstanding* fuq 2 entajiet f'Santa Venera il-*Little Munchkins* ta' Tirq l-Msida u l-*Lantern Pharmacy* ta' Misraħ il-

Kebbies. Dawn riedu t-tabelli u probabli ma ftiehmux x'għandu jsir. Is-Sur Anastasi ikkonferma li t-tnejn li huma kienu nfurmati bil-kuntratt il-ġdid li għandu l-Kunsill u kellhom javvinċinaw il-Logografix biex jagħmlu is-sinjali*/u-bars* mixtieqa. Is-Sur Anastasi qal li l-Kunsill kellhom 2 offerti u ntgħazel il-Logografix. It-tabelli ser ikunu fil-*u-bars*. Jekk ma jmorrux għand il-Logografix tidħol il-*byelaw* u ikollhom iħallsu l-permess lill-Kunsill. Apparti il-€120 tal-*u bar* iridu iħallsu għar-riklam. Is-Sur Anastasi ġibed l-attenzjoni li ħdejn is-*Shelter* tal-*Bus stop* fi Triq il-Ferrovija hemm xi 4 *u-bars* li ma sarux mill-Logografix.

5.6.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsilleri li kien hemm talba mil-*Little Munchkins* li ghandhom bżonn tabella li jiftħu bejn is-6 ta' filgħodu sas-6 ta' filgħaxija. Hu qal li l-Kunsill ma jistax joħloq preċedent fuq ċentri simili. Saret diskussjoni u l-Kunsillieri ikkonkludew li jsiru bħal tal-oħrajn u jingħata ħin *in between* raġonevoli.

### *5.7 Permess fi Triq Ħal-Qormi*

5.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li kiteb is-Sur Nigel Attard biex jingħata permess biex issir attivita' bejn ir-residenti. Il-Kunsill ma sabx ebda oġġezzjoni dment li jinħareg permess mill-Pulizija u li jnaddfu wara l-attivita'.

### *5.8 Laqgħat għall-Komunita'*

5.8.1 Ir-*Richmond Foundation* jixtiequ jorganizzaw laqgħat dwar is-saħħa mentali. Il-problema hija l-*premises*. Peress li nhar t-Erbgħa l-Kunsill jospita l-Banda u l-korsijiet tal-*Lifelong Learning* u TCTC jieħu jumejn. Is-Sur Anastasi qal min ser jieħu ħsieb, għax l-iskrivani ikollhom x'jagħmlu. Is-Sindku qal jew isiru waqt il-ħin tax-xogħol jew filgħaxija jkun hemm is-Sindku stess. Is-Sindku qal li ma jsibux oġġezzjoni imma jridu jagħtu *time-table*. Is-Sur Anastasi ġibed l-attenzjoni minħabba d-dawl li jinħela bħal *air conditioner*, eċċ.

5.8.2 Is-Sur Sultana qal li rċievew ukoll mill-Kura Primarja tas-Saħħa. L-SE għandha tikteb lis-Sinj Bombagi biex tara jekk il-korsijiet humiex bil-ħlas u biex tibgħat *time-table*. Is-Sur Anastasi rrimarka li huwa kontra jekk dawn il-korsijiet jsiru bil-ħlas. Is-Sur Sultana qal li huwa favur l-edukazzjoni. Is-Sur Anastasi wieġeb li anki hu favur l-Edukazzjoni iżda, l-Kunsill irid joqgħod attent x'jonfoq.

5.8.3 Is-Sur Sultana semma l-*commitmnents* li ħalliet l-amministrazzjoni ta' qabel u li dan ġie konfermat anke mill-*accountant* tal-istess Kunsill. Is-Sur Anastasi rrimarka li hemm *over* 90% bħala *financial situation indicator*.

5.8.4 *Lifelong learning*: Is-Sindku qal li l-Kunsill ma joħroġ xejn flus fuq dawn u hemm ħafna korsijiet interessanti. Min japplika jrid iħallas direttament u l-Kunsill kemm jipprovdi l-post. Is-Sur Sultana diġa' tkellem mal-organizzatur u qed jipprova jikkoordina imma, se jressaqha għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-SE ġibded l-attenzjoni li nhar ta' Sibt il-ħaddiema ikunu fuq *overtime* u l-iskrivan ma jkunx jista' joqgħod iżjed għax tkun trid titlobhom jekk jistgħux. Is-Sur Sultana ikkonferma li l-ħin l-aħjar ikun mit-8 sal 11.00 ta' filgħodu. Is-Sur Sultana semma lista sħiħa ta' suġġetti. Jekk ma jkunx hemm 10 applikanti minn Santa Venera, irid ikun hemm

persuni li ma jkunux min Santa Venera peress li l-organizzaturi jġibu parteċipanti minn Kunsilli oħrajn. Hawnhekk is-Sur Anastasi qal li huwa ppreokkupat minħabba l-aċċessibilita' tal-Kunsill. Jekk ħa jagħmel il-korsijiet ħa jiċċahhad min għandu xi diffikultajiet. Żied jgħid lill-Kunsill għandu uffiċjal eżekuttiv u skrivana u dawn għandhom ħafna xogħol. Is-Sur Sultana qal li huwa diġa' tkellem mas-SE u jaf li hawn ħafna xogħol u li ser nippruvaw nġibu *part-timer*, dejjem jekk l-eżiġenzi Finanzjarji jippermettu. Is-Sur Anastasi qal li tajjeb lill-Kunsill jagħti servizz imma, ma jistax ikun li b'2 skrivani tagħmel dan kollu. Jekk ikun hemm Kunsillier preżenti, tkun differenti. Jekk ikun hemm inċident u jaqa' xi ħadd, min kien se jkun responsabbli, barra li hemm l-*insurance*. Is-Sur Sultana talab għall-vot.

5.8.5 Is-Sur Anastasi ivverbalizza li f'dina l-laqgħa saru 4 proposti għall-korsijiet u, li l-Kunsill qiegħed jgħabbi b'ħafna xogħol lilll-iskrivani meta huma diġa' mimlija b'ħafna xogħol u, se jinħela aktar elettriku, eċċ.

5.8.6 Il-Kunsillieri ppproponew li jagħżlu *Child Self-Esteem*: Il-Kunsillieri qablu ma dan, is-Sur Anastasi qal li huwa favur li jsiru korsijiet imma jixtieq jagħmel riserva fuq din. Vot favur: Is-Sur Sultana, Is-Sur Brimmer, is-Sur Vella, is-Sur Mangani, is-Sinj Vella. Is-Sur Anastasi għandu riserva. Il-proposta għaddiet b'ħames voti favur. Il-kors ser isir f'Ottubru nhar ta' Sibt mit-8.00 sal-11.00 ta' filgħodu.

5.8.7 Is-Sur Sultana ressaq il-proposta tat-TCTC. Il-Kunsill iħallas €1150 u lis-studenti iħallsu €10. Is-Sur Anastasi qal li kien hemm oġġezzjoni mill-Kunsill ta' qabel li ma ridx iħallas. Is-Sur Sultana wieġeb li dan il-kors ser isir b'xejn peress li TCTC kiteb lura li *as a sign of goodwill* peress li Santa Venera għandha Kunsill ġdid TCTC ser jisponsorja l-kors u li l-Kunsill kull ma jrid joħroġ €150 tal-promozzjoni. TCTC ħa tieħu ħsieb kollox hi. Il-Kunsill ser jagħti 2 ġranet u l-korsijiet ser isiru filgħaxija. Is-Sindku offra li huwa ħa jkun hawn huwa stess. Is-Sindku qal li trid tintranġa l-kamra biex takkomoda klassijiet għal-kompjuters. Il-Kunsill ser jirreġistra min ser japplika għall-kors, jagħti riċevuta u l-informazzjoni tal-kors fuq *pen drive*. Is-Sindku irid jibgħat l-korrespondenza tat 13/4/2013 lis-SE.

5.8.8 Is-Sur Anastasi qal li huwa qed jagħmel riżerva fuq il-korsijiet kollha.

### *5.9 Għaqda Maltija tal-Ortikultura (GMO)*

5.9.1 Is-Sur Sultana staqsa lis-Sinj Vella jekk qatt ipparteċipawx fiha. Saret diskussjoni u s-Sur Anastasi qal li mit-2008 qatt ma saret. Is-Sur Sultana staqsa lis-SE jekk din l-attivita' taqgħax taht Skeda VIII; il-GMO qed jipproponi li titħallas miżata. Is-Sinj Vella spjegat x'kien isir u qalet li kienu ħadu xi premju fiż-żmien. Is-Sur Anastasi qal li din taqa' taħt donazzjoni u mhux servizz. Is-Sinj Vella qalet li l-prodotti ser jingħataw lir-*Richmond Foundation* u irrimarkat li jekk jipparteċipaw ikunu qed jesponu l-Kunsill. Is-Sur Vella qal li jagħmlu l-qoffa l-Kunsillieri stess. Is-SE ħa tieħu direzzjoni mid-DLG.

### *5.10 Hump fi Triq il-Lunzjata ma' Triq Guze' Pace*

5.10.1 Is-Sur Sultana qal li hemm talba ħdejn ħanut fi Triq il-Lunzjata ma' Triq Ġuże' Pace u TM iridu *site plan*. Is-Sur Sultana rrimarka li fi żmien kien hemm fil-kantuniera ta' Triq Ġuze' Pace *hump* oħra. Is-Sur Anastasi qal li TM kienu qalgħu il-hump u żied jgħid li TM ippropona li ssir bit-tarmak u *round headed*. Is-Sur Sultana talab sabiex tintbgħat *site plan* b'2 proposti lit-TM.

### *5.11 Tappieri f'Misrah Santa Venera*

5.11.1 Is-Sur Sultana ġibed l-attenzjoni li kien hemm tappieri f'Misraħ Santa Venera, u peress li nkissru, u ntraddmu, dawn ħa jerġgħu jsiru mill-ġdid bl-ispejjeż għall-Kunsill. Is-Sur Anastasi qal li kien hemm direttiva li mhux suppost inqalgħu. Is-Sur Anastasi qal li huwa u l-SE kienu marru fuq il-post u nfurmaw lill-kuntrattur. Saret diskussjoni u l-Kunsill aċċetta li ser jsir ix-xogħol tat-tappieri.

5.11.2 Proġett Misrah Santa Venera: Is-Sindku qal li l-proġett beda qabel l-elezzjoni imma dan il-Misraħ kien ilu maħsub u kien parti mill-PPP. Is-Sur Sultana nforma lill-Kunsillieri li huwa ħass il-ħtieġa li jsiru ċerta tibdiliet. Is-Sur Sultana ppreżenta l-pjanta l-amendata u spjega fuq il-*parking spaces*, li minn 34 saru 21, il-*loading bay* li hemm ħdejn il-Kumpanija ta' F Busuttil & Sons. Is-Sur Anastasi qal li il-*loading bay* mhijiex bil-permess għax suppost il-*containers* jinħattu ġol-Fabbrika. Is-Sur Sultana qal li diġa' nkissret il-bankina u li t-3 postijiet tal-*parking* li hemm faċċata tal-entratura tagħhom ser jitressqu. Is-Sur Anastasi qal li skont il-MEPA huma jridu jidħlu bil-*container* mill-Misraħ u joħorġu minn Trejqa tal-Ferrovija, jitla' l-fuq u joħroġ minn ħdejn is-salib għal Triq Misraħ Il-Barrieri. Is-Sur Sultana staqsa lis-SE peress li hija kienet iltaqgħħet mas-Sur Dalli dwar il-problemi li għandhom minħabba d-dħul tal-*containers*. Is-SE qalet lis-Sur Dalli staqsa jekk fejn indikat ser jsirx *parking spaces* peress li l-*containers* tagħhom ma jistgħux jikkwartjaw biex jidħlu fil-proprijeta' tagħhom. Is-SE qalet li huma suppost kienu jafu x'se jsir għax kien hemm il-pjanta fuq il-post. Is-Sindku spjega l-amendi fuq il-*parking spaces*, eċċ. Is-Sur Anastasi qal li ser jmorru kontra l-liġi peress li mhux suppost hemm *loading bay*. Huwa ssuġġerixxa lill-Kunsill jikteb lil-MEPA u lit-TM. Saret diskussjoni fuq in-nefqa li parti mil-Misraħ Santa Venera kellu jitħallas mill-UIF u l-parti tat-tarmak kellha ssir mill-PPP. Is-Sindku qal li apparti l-fondi tal-UIF, ser jiġu utilizzati ukoll fondi mill-PPP. Is-Sindku ppropona li parti miz-zuntier jittranġa, minflok *plantars* isiru *bollards*, u b'hekk jiżdiedu 3 *parking spaces*. Is-Sur Sultana qal li dawn kienu suġġerimenti tal-Perit. Is-Sur Anastasi żied jgħid li l-aħjar jieħdu parir mit-TM. Il-Kunsillieri qablu ma' dan. Saret diskussjoni fuq il-bdil ta' fuq iz-zuntier. Is-SE ġibded l-attenzjoni li jekk dan kien tender u diġa' ġie mirbuħ, ma jistgħux ibiddlu l-pjanta għax jista' joġġezzjona l-Kuntrattur. Is-Sur Sultana qal li diment ikun hemm il-permessi neċessarju, jistgħu jbiddlu l-pjanta u li l-kuntrattur jiggwidah il-Perit. Is-Sur Anastasi qal li t-tender ħarġu l-Kunsill u l-Kunsill responsabbli u mhux il-Perit u li l-ahjar jiktbu lid-DLG għad-direzzjoni, u s-SE qalet li titlob direzzjoni mid-Direttur tal-Kuntratti wkoll. Is-Sur Sultana qal li m'hemmx għalfejn għax *minor alterations* ser jsiru. Is-Sur Sultana staqsa jekk hemmx xi ħadd li jissekonda l-proposta tas-Sur Anastasi u peress li ma kien hemm ħadd li ssekonda, l-proposta waqgħet. Is-Sur Anastasi qal li huwa qed jagħbbi lis-SE li huwa dover tagħha li tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill li jista' jkun hemm ksur tal-liġi fuq dan it-*tender*. Is-Sur Sultana talab vot fuq il-proposti li tiġi ~~a~~emendata l-pjanta ta' Misraħ Santa Venera. Favur: Is-

Sur Sultana, is-Sur Brimmer, is-Sur Vella, s-Sur Mangani u s-Sinj Vella. Is-Sur Anastasi qal li din il-proposta hija nulla u kompla jinsisti biex l-SE tirrapporta lid-DLG.

### *5.12 Triq il-Palazz l-Ahmar*

5.12.1 Is-Sur Sultana informa lill-Kunsillieri fuq il-proposta tar-*residential parking* fi Triq il-Palazz l-Aħmar u diġa' kien hemm xi żmien ilu u kienet tneħħiet wara proposta tal-Kunsill preċedenti.

5.12.2 Huwa qal ukoll li hemm proposta fuq is-*sleeping policeman* u li l-aħjar il-Kunsill jikteb lit-TM għall-approvazzjoni.

5.12.3 Is-Sinj Vella ssuġġerit li ssir *communal parking* għad-disabled ħdejn id-Dar is-Samaritani. Is-Sur Anastasi qal lid-dar diġa' għandhom *reserved parking* għal persuni b'diżabilita'. Is-SE qalet li kien hemm resident fid-Dar is-Samaritani li talab ir-*reserved parking* u it-TM ma approvatx għax id-Dar diġa għandhom kaxxa tar-*reserved parking*. Is-Sinj Vella saħqet li din il-*communal parking* tintuża mir-residenti tat-Triq il-Palazz jew nies li jżur iż-żona u għndhom diżabilita'. Is-SE titlob lit-TM għal din il-proposta.

### *5.13 Multa mil-MEPA fuq il-HE tal-Palazz l-Ahmar*

5.13.1 Is-Sur Sultana nforma lill-Kunsillieri li l-MEPA talbet lil-Kunsill biex iħallas multa ta' €819.06 fuq permess li ħareg fl-24 ta' Ġunju 2009. Is-Sur Sultana staqsa lis-Sinj Vella biex tinforma l-Kunsill peress li din kienet fiż-żmien li hija kienet Sindku. Saret diskussjoni x'hemm bżonn isir biex il-Kunsill jiġi konformi. Il-Kunsill ammetta li dak iż-żmien kellu jiġi *sanctioned* il-permess. Biex noħorgu minnha rridu nerġgħu napplikaw mill-ġdid inkella il-Mepa toħroġ *enforcement*. Ġie ikkonfermat li dak kien sar mill-*housing authority*. F'dak iz-zmien il-Kunsill Lokali ma kien involut xejn għax lanqas il-pjanti ma kienu saru mill-Kunsill. Is-Sur Anastasi fakkar li lanqas il-kont tad-dawl tal-*playground* ma jħallas Il-Kunsill. Is-Sindku qal li filkaz jiktbu bl-avukat li dan kien proġett tal-Housing Authority. Is-Sur Anastasi qal li jispera li ma hemmx firma ta' xi ħadd. Is-SE għandha tipprova tfittex *Embelishment works* tal-HE tal-Palazz l-Ahmar u li din saret meta kien hemm is-SE is-Joseph Cassar. Il-permess kien ħareg fit-2009 PA 02822/09. Id-deadline biex titħallas il-multa kienet f'10 ta' Diċembru 2012 u s-SE ġibdet l-attenzjoni li s-Sur Anastasi kien kiteb lis-Sinj Marlene Attard (MEPA) biex jappella kontra din il-multa.

### *5.14 Talba minn Ms Salamone*

5.14.1 Saret talba għal-linji sofor fi Triq Qormi u Triq Carini quddiem garaxxijiet ta' flats ġodda. Il-Kunsill qabel sabiex nipproċedu, għaldaqstant għandha tinħareġ works order.

### *5.15 Is-Sur Mario Mallia*

5.15.1 Is-Sur Sultana nforma lill-Kunsilliera li s-Sur Mallia iċċieva telefonata l-ġimgħa li għaddiet mis-Sur Vincent Cassar uffiċjal tal-MCCAA peress li s-Sur Cassar kien sab isem is-Sur Mallia bħalha *responsible person* fuq il-*playgrounds* ta' Santa Venera biex jagħmel *inspection* fuq il-*playgounds*. Is-Sur Mallia qal li huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-Kunsill. Is-Sur Anastasi qal li jekk sena u nofs ilu saru l-*inspections* u dan is-Sur Mallia ma kellux x'jaqsam, kif issa ċemplu lilu u mhux il-Kunsill. Is-SE infurmat li Kunsillieri li dak in-nhar ġie is-Sur Cassar u qalilha li l-Kunsill suppost ikollu responsible person. Huwa qal li mil-karti li għandhu kellu msemmi is-Sur Mallia. Is-SE spjegat li hija ma tafx min hu is-Sur Mallia u li r-*responsible person* għall-*playgrounds* se jkun il-*Contracts Manager* tal-Kunsill is-Sur Raphael Carabott. Is-Sinj Gusman qatt ma ingħatat *handover* dwar il-*playgrounds*.

5.15.2 Is-Sur Sultana nforma lil Kunsill li dan is-Sur Mallia kellu kont pendenti mal-Kunsill. Is-Sinj Gusman qalet li ħadd qatt ma pprezentalha dan il-kont pendenti u dan l-anqas kien imsemmi mill-Awditur. Is-Sur Anastasi ftakar li dan il-kont tal-2011 qatt ma ġie aċċettat mil-eks Aġent SE is-Sur Formosa peress li s-Sur Mallia qatt ma kellu dan ix-xogħol ikkonfermat u *works order* qatt ma nħarġet. Żied jgħid li din kienet għaddiet Kunsill u l-Kunsill kien iddeċieda li dan il-kont ma jitħallasx. Is-Sur Anastasi qal li huwa kien tkellem mas-Sur Vincent Cassar imma, qatt ma ġibidlu l-attenzjoni fuq Sur Mallia. Saret diskussjoni fuq kif qatt ma ġie ċċertifikat x-xogħol.

## 6 Skeda ta' Pagamenti : Approvazzjoni

6.1 Is-Sinj Louise-Anne Gusman, is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tas-Sindku u tal-Kunsillieri preżenti li jrid jinbidel l-isem tas-Sur Horace J Anastasi, eks Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera mas-Sindku s-Sur Stephen Sultana bħalha *manage user* u firmatarju għall-Kunsill Lokali mal-*Bank of Valletta* ħalli jkun jista' jiffirma ċ-ċekkijiet flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sinj Gusman għandna ġġib il-formola mill-*Bank of Valletta*. Is-Sindku u l-Kunsillieri qablu ma dan nem con.

6.2 Il-Sur Sultana ried kjarifika fuq il-kont li ħallas l-*accountant* is-Sur Christian Farrugia għas-*Sage Pastel* peress li meta kien mar jagħmel dan is-software għand l-ITS, dawn talbuh iħalli depositu dak il-ħin inkella ma jagħmlulux ix-xoghol u is-Sur Farrugia kellu joħrog ċekk personali. Is-SE qalet li l-ITS ma kienux infurmawha li talbu l-flus dirett lis-Sur Farrugia u li s-Sur Farrugia kellu jerġa jħallas ċekk ieħor, qabel mat-*technician* ghamel xi xogħol għall-darb'oħra fuq il-lap top tiegħu meta kien il-Kunsill. Is-SE qalet li dan is-*software* ġie irreġistrat fuq il-Kunsill u jekk l-*accountant* ma jibqax mal-Kunsill is-*software* ikun irid jirritornah. Is-SE ikkonfermat li l-*accountant* ħallas 2 ċekkijiet ta' l-istess ammont u s-SOP kienet qed tirrifletti l-kont bil-bilanċ ta' dawn iċ-ċekkijiet. Is-SE qalet li dan is-*software* kellhom bżonnu urġenti peress li s-Sur Farrugia kellu jagħlaq il-kotba tal-finanżi għax kellna d-*deadline* tal-*Financial Statements* u mingħajr is-*software* fuq il-*laptop* tal-*accountant* ma stajniex naħdmu.

6.3 Il-kuntratt ta' Jonathan Lanzon. Is-SE trid tippreżenta l-kuntratt oriġinali għal-laqgħa li jmiss biex joħorġu Tender ġdid. Il-Kunsill iddeċieda li għalissa joqgħod is-Sur Lalzon sakemm jkunu f'posizzjoni li jirregolaw is-sitwazzjoni.

6.4 Is-Sur Sultana staqsa fuq in-numru 102 re tipping fees tal-Wasteserv. Is-SE qalet li hija tħallas sa kemm jaslu għall-allokazzjoni li jgħati l-Gvern u fil-fatt is-sena li għaddiet ħallsu sa Novembru 2012 għax dik hija d-direzzjoni li għandhom mid-DLG.

6.5 Is-SOP għaddiet b'riserva għall-kont tal-Koptasin (numru 107) peress li żiedu xi €20 fuq il-kont u ma kienx hemm spjegazzjoni. Is-SE għandha titlob kjarifika u eventwalment jitħallas.

## *7 Ilmenti*

***7.1*** Is-Sur Mangani staqsa jekk il-kuntrattur tal-ġonna huwiex qed jimxi u jagħmel xogħol skont it-*tender*. Is-Sur Mangani xtaq jara jekk is-*soft areas* li hemm fir-*roundabout* ta' Triq il-Ferrovija u ta' Triq il-Kanun jekk jaqgħux taħt il-Kunsill jew taħt l-ELC. Is-Sur Anastasi spjega li r-*Roundabout* u Triq il-Ferrovija flimkien ma Triq il-Kanun ma jaqgħux taht il-Kunsill imma taħt il-Gvern Ċentrali. Is-SE għandha tiċċekkja it-*Tender*.

| **Incident Reference** | **Incident Date** | **Incident Expiry Date** | **Incident Description** | **Organisation** | **Incident Status** | **Remarks** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 22213049188274 | 04/02/2013 12:03 | 04/12/2013 12:03 | Bozza ma arblu go Triq il-ferrovija bejn bieb 31 u 33 | ENEMALTA HEAD OFFICE | Settled | |
| 22213090188368 | 04/03/2013 13:40 | 13/04/2013 13:40:59 | Hofra fin-nofs tat-triq quddiem bieb nru 16, Triq il-Parrocca | SANTA VENERA Local Council | Pending | Ix-xogħol irid isir mill-Ħaddiema assenjati. Mal-imsemmija ħofra ġie deċiż sabiex jimtlew ukoll ħofra qabel ma tidħol minn Triq il-Brunżar u oħra quddiem residenza numru 1 |
| 22213082188411 | 04/04/2013 09:56 | 14/04/2013 09:56:14 | Bozza ma tixghelx mitfigha ghal kollox ma arblu go Triq Il- ferrovija Santa Venera bejn bieb 13 u 33 | ENEMALTA HEAD OFFICE | Pending | |
| 22213088188596 | 04/08/2013 12:25 | 18/04/2013 12:25:01 | Tappiera f'noft tat-Triq thabat kull meta jaghddu l-vetturi minn fuqha. Biex issir packing tal-lastiku | SANTA VENERA Local Council | Pending | WSC - irrapurtatha diġa |
| 22213060188600 | 04/08/2013 13:09 | 18/04/2013 13:09:21 | Hofra go Triq il-Parocca Santa venera quddiem bieb 16 | SANTA VENERA Local Council | Pending | L-istess bħal ilment 22213090188368 |
| 22213068188743 | 04/10/2013 10:05 | 20/04/2013 10:05:09 | Hofra quddiem No. 21, Triq iz-Zonqor. Meta taghmel ix-xita jtir l-ilma ghal bieb taghha. Mobile: 99886915 | SANTA VENERA Local Council | Pending | Contracts Manager jirraporta jekk jeħtieġ li jkun hemm Major Patching jew le |
| 22213079188780 | 04/10/2013 12:37 | 30/04/2013 12:37:40 | Problema ta' parking ghar-residenti t'hemm. Qabel kellhom parking ghar-residenti/tal-familja. Biex terga' issir bhal qabel. | SANTA VENERA Local Council | Pending | Għal liem toroq qed jirreferu? |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 22213100188782 | 04/10/2013 12:47 | 20/04/2013 12:47:29 | Zewg hofrit go Triq Hal-Qormi hekk kif tinzel minn Triq Carini | SANTA VENERA Local Council | Settled | |
| 22213062188802 | 04/11/2013 08:27 | 21/04/2013 08:27:47 | Hofra hdejn il-bus stop ta' fejn hemm ic-Centru Hidma Socjali, Triq il-Kbira San Guzepp | SANTA VENERA Local Council | Pending | Contracts Manager jirraporta jekk jeħtieġ li jkun hemm Major Patching jew le |
| 22213026188894 | 04/12/2013 11:21 | 22/04/2013 11:21:57 | Garage numru 60 fi Triq San Gorg qieghed bil-linji bojod bil-konsegwenza li ma jistax idahhal il-vettura tieghu fil-garage. | SANTA VENERA Local Council | Pending | Is-Sur Anastasi qal li dan huwa *store* ta' Sur Meilaq u li m'għandhux permess tal-*garage*. Is-Sur Sultana qal li kien qed jinkera u issa qed jerġa juzah is-sid. Il-Kunsill kien bgħat l-Pulizija u sabu salott meta fetaħ il-bieb. Is-Sur Sultana qal li diment li għamel talba u qed jintuza bħala *garage* irridu isiru il-linji sofor. Is-Sur Anastasi qal li jekk jaghmlu dan ser jiksru l-ligi. Is-Sur Anastasi ġibet l-attenzjoni lis-SE biex ma tmurx kontra l-liġi. Is-Sur Anastasi għabba lis-SE bir-responsabilita' u żied jgħid li ser jressaq lir-resident il-qorti.<br><br>Works Order lil Koptasin |
| 22213054188898 | 04/12/2013 11:27 | 22/04/2013 11:27:42 | Talba sabiex isiru jizdidu zewg mirjiet fi Triq il-Kanun sabiex jghinu lis-sewwieqa li jkunu hergin minn Triq il-haddied | SANTA VENERA Local Council | Pending | Is-SE biex tikteb lit-TM. Works Order lil Koptasin |
| 22213003188899 | 04/12/2013 11:31 | 22/04/2013 11:31:13 | Talba sabiex isiru parking bays divizorji quddiem Daffodil Court 'B' fi Triq San Gorg u dan ghax qed jinhela l-parking ghal mod kif qed jipparkjaw. | SANTA VENERA Local Council | Pending | Works Order lil Koptasin |
| 22213089188900 | 04/12/2013 11:33 | 22/04/2013 11:33:56 | Talba sabiex jigi ikkunsidrat li jsir Double Yellow line fi Triq il-Parilja ma boundary wall ghax l-istess boundary wall dejjaq il-kareggjata tat-triq bil-konsegwenza li vetturi li johorgu mill-garaxxijiet ta'faccata qed kollhom diffikulta sabiex jimmanuvraw | SANTA VENERA Local Council | Pending | Ittra lil Transport Malta |
| 22213096188902 | 04/12/2013 11:36 | 05/02/2013 11:36 | Talba sabiex il-parking bays li hemm fi Triq San Gorg qabel ma tidhol fi Triq il-Kardinal Sciberras, jigu kkunsidrati li jigu slanting minflok kif qeghdin. | SANTA VENERA Local Council | Pending | Ittra lil Transport Malta |
| 22213064188903 | 04/12/2013 11:38 | 22/04/2013 11:38:03 | Talba sabiex isir linji sofor quddiem il-garaxxijiet li hemm fid-dahla fil-parti t'isfel ta'Triq Ħal-Qormi | SANTA VENERA Local Council | Pending | Hemm korrispondenza minn Transport Malta fuq dan is-suġġett |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 22213010188904 | 04/12/2013 11:42 | 22/04/2013 11:42:56 | Talba sabiex issir barrier fil-kantuniera ta' Triq il-Parilja hekk kif tinzel minn Triq Guze Flores | SANTA VENERA Local Council | Pending | Ħaddiema Assenjati |
| 22213038188905 | 04/12/2013 11:44 | 05/02/2013 11:44 | Talba sabiex jigu rrangati l-parking bays fi Triq il-Lunzjata u jigu nkluzi ukoll xi Motor Cycle Bays. | SANTA VENERA Local Council | Pending | Is-Sur Anastasi rrimarka li hemm approvazzjoni mit-TM fuq il-*parking lines* ta' Triq il-Lunzjata fejn hemm korrispondenza fuq ċerta *parking slot* li saret ikbar<br><br>Works Order lil Koptasin |
| 22213054188906 | 04/12/2013 11:50 | 22/04/2013 11:50:48 | Talba sabiex terga issir mera fi Triq il-Ferrovija li kienet ta'assisistenza ghal dawk is-sewwieqa li johorgu minn Triq il-Parilja | SANTA VENERA Local Council | Pending | Ittra lil Transport Malta |
| 22213094188907 | 04/12/2013 11:54 | 22/04/2013 11:54:40 | Talba sabiex tizdied mirja ohra ma dik ezistenti fi Triq Quddiem hekk kif tohrog minn Triq Carini | SANTA VENERA Local Council | Pending | Works Order lil Koptasin |
| 22213009188916 | 04/12/2013 12:28 | 22/04/2013 12:28:50 | Talba ghal possibilta li jitpoggew barriers jew planters fil-parti l'gdida ta' Triq Abela u dan ghax qed ikun hemm vetturi li qed jipparkjaw fuq il-bankina. | SANTA VENERA Local Council | Pending | Quotation għal 6 planters |
| 22213005188919 | 04/12/2013 12:31 | 22/04/2013 12:31:47 | Talba sabiex jigu rrangati l-parking bays fi Triq Dun Frans Camilleri u dan ghax mhumiex tal-istess daqs u qed jintilfu l-parkeggi. | SANTA VENERA Local Council | Pending | Works Order lil Koptasin |
| 22213097188920 | 04/12/2013 12:33 | 22/04/2013 12:33:07 | Talba sabiex isiru L-Parking Bays fi Triq il-Palazz l-Ahmar u fil-kantuniera ma' Triq il-Batterija | SANTA VENERA Local Council | Pending | Works Order lil Koptasin |
| 22213081188921 | 04/12/2013 12:36 | 22/04/2013 12:36:36 | Talba sabiex jizdied zewg mirjiet fi Triq il-Kanun sabiex jghinu lis-sewwieqa li jkun hergin minn Triq il- Parocca | SANTA VENERA Local Council | Pending | Works Order lil Koptasin |
| 22213065188924 | 04/12/2013 12:50 | 05/02/2013 12:50 | Talba sabiex jerga' jitpogga shade quddiem bozza W010 quddiem residenza 286, "Helix" fi Triq il-Kanun | SANTA VENERA Local Council | Pending | Is-SE spjegat li hemm korrispondenza li dik suppost issir mil-Enemalta.  Is-Sur Anastasi qal li hemm ċirkulari mil-Enemalta u mogħdija lill-Kunsilli mid-DLG li ma jaqux taħt il-Kunsill imma jagħmluha l-Enemalta.  Is-Sur Sultana sostna li għandha ssir mill-*Micamed* fuq bażi umanitarja.<br><br>Works Order lil Micamed |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 22213030188925 | 04/12/2013 12:54 | 22/04/2013 12:54:58 | Talba sabiex jigi aligned shade ta'Bozza W010 quddiem residenza 29 fi Triq Il- Palazz L-Ahmar peress li qieghed mghawweg | SANTA VENERA Local Council | Settled | |
| 22213054188928 | 04/12/2013 12:59 | 22/04/2013 12:59:28 | Talba sabiex jigi aligned shade ta'Bozza quddiem residenza 29 fi Triq Il- Palazz L-Ahmar peress li qieghed mghawweg | SANTA VENERA Local Council | Pending | Sar diġa |
| 22213078188948 | 04/12/2013 14:10 | 22/04/2013 14:10:09 | Go Triq il-Parocca Santa Venera fejn il-bandli hemm pipe maqlugh u minnhu hiereg cable tal-eletriku. | ENEMALTA HEAD OFFICE | Pending | |
| 22213014188990 | 15/04/2013 07:54:12 | 25/04/2013 07:54:12 | Bozza go Triq il- Kanun Santa Venera bejn dar bin numru 31 u 33. Din ga kienet rappurtata | ENEMALTA HEAD OFFICE | Pending | |
| 22213021188997 | 15/04/2013 08:27:04 | 25/04/2013 08:27:04 | Arblu li hemm fi Triq Misrah il-Barrieri biswit il-Lidl sabiex jitnehha minn hemm | ENEMALTA HEAD OFFICE | Pending | Raphael Carabott to take photos |
| 22213054189002 | 15/04/2013 08:55:24 | 25/04/2013 08:55:24 | Talba sabiex issir sleeping police /traffic calmer fi Triq il-Blata l-Kahla (l'parti ta fejn hemm il-Lidl | SANTA VENERA Local Council | Pending | Ittra lil Transport Malta |
| 22213067189034 | 15/04/2013 10:34:30 | 05/05/2013 10:34 | Talba sabiex tehel tabella sabiex ma jilghabux bil-ballun / skateboard fil-pjazza Guze Flores ta Triq il-Parocca | SANTA VENERA Local Council | Pending | Works Order lil Koptasin |
| 22213093189039 | 15/04/2013 10:41:10 | 05/05/2013 10:41 | Talba sabiex isiru l-parking pays fi Triq il- Harrub u ssir stop marking fi Triq il- Blata l-Kahla kantuniera ma Triq il-harrub | SANTA VENERA Local Council | Pending | Works Order lil Koptasin |
| 22213059189049 | 15/04/2013 11:02:49 | 05/05/2013 11:02 | Talba biex isir zbir tas-sigar li hemm fi Triq Regjonali hdejn it-Telephone box | SANTA VENERA Local Council | Pending | Carmel Mifsud |
| 22213078189051 | 15/04/2013 11:11:44 | 05/05/2013 11:11 | Talba biex isir tas-sigar li hemm fiz-zona tal-palazz l-ahmar | SANTA VENERA Local Council | Pending | Carmel Mifsud |
| 22213090189055 | 15/04/2013 11:17:48 | 05/05/2013 11:17 | Talba sabiex garage biswit residenza 8 fi Triq l-Inkwina jkollu linji sofor | SANTA VENERA Local Council | Pending | Works Order lil Koptasin |
| 22213068189067 | 15/04/2013 11:39:46 | 05/05/2013 11:39 | Talba sabiex titbaxxa l-bankina li hemm quddiem garage hdejn residenza 9, fi Triq il- Parata, liema tabela diga saret fl-1 ta'Mejju 2012 | SANTA VENERA Local Council | Pending | Is-Sur Anastasi qal li l-ewwel kellhom jagħmlu l-*inspection box* u meta ssir, kellhom jinfurmaw il-Kunsill biex fil-kaz il-Kunsill tagħmel l-bankina. Is-SE għandha tibgħat lil-*contracts manager* biex jieħu r-ritratti u din terġa tiġi diskussa waqt laqgħa tal-Kunsill. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 22213012189071 | 15/04/2013 11:45:21 | 05/05/2013 11:45 | Salba sabiex terga tigi rrangata l-bankina quddiem Wara Flats fi Triq Emm. Attard ghax ir-rampa giet tizloq u perikoluza | SANTA VENERA Local Council | Pending | Is-Sindku rrimarka li l-bankina ma kellhiex l-awtorizzajoni tal-Kunsill. Il-ħaddiem tal-Kunsill neħħa ftit mill-madum u baxxa il-bankina għax kien hemm wieħed li ma setgħax joħrog mil-garaxx. Is-Sindku qal biex titranġa l-bankina u nitolbu kwotazzjoni lis-*Central Asphalt.* |
| 22213049189073 | 15/04/2013 11:49:29 | 05/05/2013 11:49 | Talba sabiex jittella jerga l-hajt li hemm fi Triq Regionali ghax waqa bir-rih | SANTA VENERA Local Council | Pending | Saret diskussjoni li *open areas* li ma nkunux nafu s-sid issir mil-Kunsill imma jekk nafu ta' min hi l-*area* irid jagħmillha s-sid. Is-Sur Anastasi qal biex l-SE tikteb u tagħmel rapport lil Pulizija u biex jittella' l-ħajt. Saret diskussjoni fuq il-ħajt ta' ħdejn it-Triq San Pawl rigward il-ħlas lil-bennej peress li ġie nnotat li l-ebda *works order* ma kienet inħarget iżda x-xogħol kien sar. Is-Sindku nforma lil SE li trid tibda toħroġ works order ma kull biċċa xoghol li trid ssir.<br><br>Irid jittella mis-sid - nindagaw min hu. B'mod temporanju naraw jekk jistax isir mill-ħaddiema assenjati. |
| 22213057189074 | 15/04/2013 11:55:25 | 05/05/2013 11:55 | Talba sabiex titnehha reserved Parking Bay li hemm hdejn il- BOV fi Triq Pietru Dacoutros in vista li fl-istess triq diga hemm ohra quddiem residenza 43 | SANTA VENERA Local Council | Pending | Works Order lil Koptasin |
| 22213049189104 | 15/04/2013 15:12:04 | 05/05/2013 15:12 | Fejn id-Dar Hanin Samaritan 1. Ikabbru l-yellow line ta' qudiem id-dar in-naha 2.tar-rampa. Ilmeter tal-ilma qieghed go konka tas-sigra 3. Zewg konki vojta jimtlew bil-hamrija | SANTA VENERA Local Council | Pending | 1. Ix-xogħol jista jsir mal-parking bays li ser isiru, deċiża aktar qabel 2. Dak privat 3. Il-kuntrattur Carmel Mifsud jieħu ħsieb sabiex jimla l-konok bil-ħamrija. |

8 Il-laqgħa spiċċat fid-9.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 26 t'April 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Louise-Anne Gusman — Segretarju Eżekuttiv

Stephen Sultana — Sindku

Ikkonfermati llum, 6 ta' Mejju 2013